# Il-Ħadd 29.12.2019

1. Illum 29/12, **Festa tas-Sagra Familja**:
   - Fid-9:00am - Quddiesa bis-sehem tal-Grupp tal-Koppji Miżżewġa.
   - Mill-10:00am 'il quddiem, Festa Familja fil-Pjazza organizzata mill-Kunsill Lokali u r-Reġjun tan-Nofsinhar, fejn fost diversi stands u attivitajiet, il-Banda 'San Pawl' tferraħna bid-daqq ta' diversi carols tal-Milied.
2. It-Tlieta 31/12 :
   - Mill-5:00pm - Qrar.
   - Fis-6:30pm - Niċċelebraw l-aħħar tas-sena billi jkollna quddiesa animata mill-Kor *'Sine Macula'* li fiha jitkanta l-innu ta' radd il-ħajr lil Alla, it-*Te Deum*. Il-Ġabra li nagħmlu f'din il-qudddiesa tmur għad-Dar tal-Provvidenza u fl-ewwel tas-sena nippreżentawha waqt l-Open Day. Nafdaw fil-ġenerożità tagħkom.
3. L-Erbgħa 1/01/20, **Solennità ta' Marija Omm Alla u Jum il-Paċi**:
   - Il-ħin tal-quddies ikun fis-6:45am, fid-9:00am, fl-10:30am u fil-5:30pm.
4. Il-Ġimgħa 3/01/20, **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm – Qrar; Fis-6:30pm – Quddiesa; Fis-7:00pm – Adorazzjoni.
5. Is-Sibt 4/01/20:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fil-5:30pm - Quddiesa mmexxija mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, u li għaliha huma mistiedna b'mod speċjali l-Koppji Għarajjes li ser jiżżewġu matul din is-sena, 2020.
   - Mis-7:30pm sat-8:30pm, fil-Knisja Parrokkjali, il-Parroċċa tagħna flimkien mal-Kunsill Lokali qed jistednukom għall-Kunċert tal-Milied imtella' mill-Kor 'Sine Macula', in-'Novum Ensemble', u s-Safi Drama Group.
6. Il-Ħadd 5/01/20, **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej**.
   - Fid-9:00am - Quddiesa li fiha nilqgħu is-Slaten Maġi.
7. Avviżi oħra:
   - Matul dawn il-jiem qed jitqassam il-magazin *'Flimkien'* ta' Jannar flimkien mal-envelopes biex tagħtu l-Istrina tagħkom b'risq il-parroċċa li ser tmur għall-manutenzjoni tal-knisja, fejn apparti l-bżonnijiet ta' kuljum u d-diversi proġetti ta' konservazzjoni u restawr - bħal xi settijiet tal-gandlieri ta' kuljum li qed ikunu rranġati u ndurati fuq medda ta' snin, u issa jmiss ukoll ir-raġġiera tal-Ġilandra tal-Milied, bdejna wkoll it-tiswija tal-Lanterna tal-koppla, u 'l quddiem tas-Saqaf tal-knisja. Dawn il-proġetti jirrikjedu ammont sostanzjali ta' finanzi. Għaldaqstant dawn id-donazzjonijiet għandhom jinġabru lura minn dawk li jqassmu l-*'Flimkien'* jew inkella jinġiebu hawn u jinxteħtu fil-qfief tal-offerti. Nitlob il-koperazzjoni ta' kulħadd, u nirringrazzjakom bil-quddiem tal-ġenerożità li kontinwament turu.
8. Avviżi tal-Kunsill Lokali:
   - Il-Ħadd 05/01/20: Issir l-Ikla għall-Anzjani fis-sala tal-Iskola f'nofsinhar.
9. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 70 bħala donazzjoni b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
10. Nitolbu għal Francis Farrugia u Carmen Nadler li għaddew għal ħajja ta' dejjem.
    Agħtihom, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem ...